MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2013

Appell Kriminali Numru. 270/2011

**Appell Nru: 270/2011**
**Il-Pulizija**
**[Spettur Ramon Mercieca]**
**Vs**
**Donna Debono**

Illum 17 t'Ottubru, 2013
Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellanti Donna Debono, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Fil-15 ta' Awwissu, 2010 bhala bejjiegha permezz ta' kiosk waqt il-festa tal-Qrendi, naqset, jew hi jew impjegat taggha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li taghti jew tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonfoma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 tat-Tlettax il-skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvisti, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dawk il-provvisti, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3 u 10 ta' l-imsemmija Skeda u

skond l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 81 u 82 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.
U aktar talli fl-istess zmien u fl-istess post, naqset, jew hi jew impegat taghha jew xi persuna ohra li kienet qed tagixxi ghan-nom taghha, li aghti jew tipproduci ricevuta ta' taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1 u 2 tat-Tlettax il-Skeda li tinsab ma' l-Att ta' l-1998 dwar taxxa fuq il-Valur Mizjud u l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82 ta' l-Att Nru. XXIII ta' l-1998.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta' Gunju, 2011 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 51 u 77(a) u (e) u 82 u l-partiti 1, 2, 3 u 10 tat-tlettax il-Skeda tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet t'a Malta, sabet lill-imputata hatja ta' l-ewwel imputazzjoni u taghha kkundannatha multa ta' tmien mitt Euro (€800) ; u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tieni imputazzjoni stante li din kienet alternattiva ghal l-ewwel wahda.
Rat ir-rikors tal-appell ta' Donna Debono pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti nhar l-20 ta' Gunju, 2011 li bih talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar u tirrevoka is-sentenza appellata u minflok ma ssibx lill-impuata hatja tal-akkuzi u tilliberaha minnhom.
Fliet l-atti kollha processwali.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.
Rat l-aggravji ta' l-appellanti Donna Debono illi huma is-segwenti :
1. Illi fl-ewwel lok l-esponenti qeighda tissottometti illi kien hemm zewg spetturi meta avvicinaw il-gabbana fejn kienet qieghda tahdem u bhala fatt kien l-ispettur l-iehor li kellimha waqt li x-xhud li xeded Hector Scerri ma kellimhiex. Dan huwa kkoroborat mill-istess Hector Scerri. Dan ghalhekk jaghti lok ghal ksur ta' principji importatnti fil-Ligi principalment li l-prosekuzjoni trid tressaq l-ahjar prova l-istess prosekuzjoni naqset milli taghmel dan. Ix-hxud kien qieghed jixhed fuq rapport u met agie mistoqsi jekk il-biegh kienx ta' tifel zghir irrisponda li ma jahsibx li kien tifel zghri ghax il-gabbana hija gholja u zgur li tifel zghir ma kienx ilahhaq mat-tieqa tal-gabbana. Ukoll met agie mistoqi jiekk jiftakarx jekk kinetx koppja jahseb li

kienet koppja pero’ ma kienx cert. Ukoll principju importanti li gie trasgress huwa l-fatt li l-prosekuzzjoni kellha xiehda importanti u okkulari li setghet titfa dawl ezatt fuq ix-xhieda vera u l-konversazzjoni veru li kien hemm bejnu u bejn l-imputat u l-prosekuzzjoni naqset meta ghandha obbligu li tressaq dan ix-xhud bla ebda spejegazzjoni ta’ xejn. Anki l-istess Onorabbli Qorit fis-sentenza taghha kkonkludiet li hemm konflitt bejn dawk li qalu x-xhieda pero` l-Qorti qalet li tista` taghti kreddibilita, gja jinnota dubbju u l-ewwel Onorabbli Qorti ma tatx raguni ghalfejn qieghed temmen lix-xhud Hector Scerri meta x-xhieda tieghu hija mimlija b’inezattezzi u konflitt fix-xhieda tieghu u li mhix korroborata anzi mankanti minn xhieda koroborattiva.

2. Fit-tieni lok l-esponent stqarret li tat-ircevuta fiskali lill-klijent li kien tifel zghir u tatu skont pero` fuq l-insistenza tal-ispetturi hi regghet harget ircevuta fiskali ohra. Jekk wiehed jara l-ammont ta’ ircevuta fiskali wiehed jinnota li l-bejgh kien tant zghir li ma jurix li kien hemm koppja li ghamlet xi xirja ta’ xi affarjiet ta’ l-ikel. Wiehed jistenna li jekk l-isptturi ma rawx lill-esponenti taghti ircevuta fiskali iressqu din il-koppja li kienu quddiemhom u jikkofnrontaw din il-koppja mal-esponenti halli anki huma jinghataw kopja tal-ircevuta. Dan ma sarxu u ghalhekk ihalli dubbju serju dwar l-operat tal-ispetturi tal-VAT li naqsu serjament li jaghmlu xogholhom tajjeb ghad-dettriment tad-drittijiet tal-esponenti, jekk ma sarx il-konfront mal-gabbana ghall-inqas kellu jittiehed isimhom halli jista` jigi vverifikat dak li gara fil-fatt ma kienx isehh. Dan qieghed jinghad halli l-konkluzjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti fejn kkonkludiet li hija sodisfatta li l-imputata ghamlet bejgh minghajr ma harget ircevuta fiskali tkun konkluzzjoni aktar kkoroborata u definittiva u mhux ibbazata fuq persuna wahda li xehed fuq il-miktub u mhux mill-memorja u li ma ppartecipax fid-diskussjoni.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi l-appellanta kienet qieghda tiggestixxi gabbana gewwa l-Qrendi fi zmien il-festa tal-hmistax (15) ta’ Awwissu tal-elfejn u ghaxra (2010). Avvicinawha zewg spetturi tal-VAT Carmelo Dimech u Hector Scerri.

Carmelo Dimech qaghad wara koppja li ordnat xi ikel. L-ikel gie servut izda ma nhargitx ricevuta fiskali. L-appellanta ipprotestat ma' dawn l-ispetturi ghax qalet li kienet gia harget ricevuta fiskali lill-klijent illi kien tifel u tatu skont. Però l-ispetturi xorta insistew sabiex tohrog ricevuta fiskali ohra kif fil-fatt ghamlet.

Fl-ewwel aggravju taghha l-appellanta rriferiet ghas-sentenza tal-ewwel Qorti fejn semmiet illi kien hemm konflitt bejn dak illi qalu x-xhieda u dak illi qalet l-appellanta. Dan il-konflitt kellu jwassal ghad-dubbju u l-ewwel Qorti ma tatx raguni ghala qieghda temmen lix-xhud tal-Prosekuzzjoni u mhux lill-appellanta.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal dubbju dettat mir-raguni. Kif qalet il-kawza "IL-Pulizija versus Joseph Thorn" deciza fil-Qorti tal-Appell Kriminali tad-9 ta' Lulju tal-elfejn u tlieta (2003) "... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skont il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kap 9, u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex se temmnu jew ma temmnux."

L-ewwel Qorti kellha x-xhieda quddiemha u setghet taghmel apprezzament ahjar tal-provi. Fortunatament din il-Qorti kellha ukoll din l-okkazjoni fejn xehdu kemm Carmelo Dimech il-VAT inspector, l-appellanta Donna Debono u sar konfront ukoll bejniethom. Hawnhekk il-Qorti setghet tara d-decizjoni tax-xhieda ta' Carmelo Dimech fejn qal illi kien cert illi kien kellem lill-appellanta u kien ezatt wara l-koppja illi xtrat l-ikel u ra illi ma tathomx ricevuta. Ghalhekk Dimech ra kollox isir quddiemu u x-xhieda tieghu ghalhekk hija iktar verosimili.

Din il-Qorti tasal ghall-istess konkluzjoni illi waslet ghaliha l-ewwel Qorti u hija sodisfatta illi fuq il-provi li kellha quddiemha l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment u

legalment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha. Ghalhekk mhux il-kaz li din il-konkluzjoni tigi disturbata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------